MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Numru 616/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

` **vs**

**Carmel Pavia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Carmel Pavia ta' 41 sena, bin George u Mary nee' Farrugia imwieled Senglea u residenti Blk.H, Triq il-Lellux, Santa Lucia, detentur ta' karta ta' identita numru 0274360(m) akkuzat talli fid-29 ta' Lulju 2001 gewwa Triq Dicembru 13, Marsa, ghal habta ta' 02.00hrs:

1. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS1330, PS1021, PC269, PC1011, PC635, PC1384 u PC922, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti; dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS1330, PS1021, PC269, PC1011, PC635, PC1384 u PC922, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li dawn il-persuni kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti; dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok u hin hebb kontra persuni sabiex jngurjhom, idejjaqhom jew jghamlilhom hsara, lilhom jew lil haddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali; dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ghamel lill-haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali, jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni; dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, lok u hin m'obdiex ordnijiet moghtija lilu mill-pulizija; dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. fl-istess data, lok u hin qal kliem oxxen fil-pubbliku; dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. fl-istess data, lok u hin kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor; dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet it-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-fatt li taw lok ghall-akkuzi kif hawn sintetizzati:

a. li l-incidenti li taghhom l-imputat jinsab akkuzat gew istigati minnu meta ippretenda li kellu xi 'dritt' jittransita Triq 13 ta' Dicembru l-Marsa li kienet giet maghluqa temporanjament minhabba incident gravi tat-traffiku.

b. fil-fatt jirrizulta mix-xhieda tal-pulizija li fil-hin meta kienet qeghdha issir l-inkjesta magisterjali l-imputat li allura kien qieghed isuq il-vettura tieghu sab triqtu ostakolata minn vettura tal-pulizija u ikkagunalha xi hsara;

c. li fil-kors tar-rimostranzi tieghu l-imputat ikkaguna xi hsara fuq zewg vetturi u tlett uniformijiet tal-pulizija.

L-akkuzi huma kollha konsegwenza l-agir tal-imputat bl-akkuzi l-aktar serji ipprospettati taht l-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9.

Trattati l-akkuzi taht dawn iz-zewg artikoli l-ewwel konsiderazzjoni li ghandha ssir hi li r-reati hemm respettivament kontemplati huma ben distinti minn xulxin. Fil-fatt waqt li taht l-artikolu 95 r-reat jippersisti meta

kommess kontra wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, taht l-artikolu 96 ir-reat isehh kontra persuna inkarikata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. Issa mill-provi ma jirrisultax fic-car li l-imputat uza kliem ingurjuz jew ta' theddid jew ukoll li ghamel xi offiza kontra l-ufficjali pubblici hemm presenti 'officio durante vel contemplatione officio'; jirrisulta li ghamel rimostranzi tali li ma jinkwadrawx fir-reat taht l-Artikolu 95. Mill-banda l-ohra pero ghandu jirrizulta li huwa uza forza illegittima kontra t-tali ufficjali pubblici li qua pulizija kienu inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku. Ghaldaqstant jirrisulta fiz-zgur mill-provi r-reita' tal-imputat taht it-tieni akkuza.

Mill-bqija tal-akkuzi u dejjem a tenur tal-provi prodotti l-qorti hi tal-fehma li jissussistu kollha minbarra l-ahhar akkuza stante li kiser il-mistrieh tan-nies u dana kemm minhabba il-hin kif ukoll il-lokalita - arterja principali li mhix residenzjali.

Apparti dan jirrisulta li l-imputat ikkaguna hsara kemm fuq zewg vetturi tal-pulizija u kemm fuq uniformijiet. Din il-hsara ma tirrisultax li hi sostanzjali. Hi x'inhi l-entita taghha pero l-imputat ma jinsabx akkuzat b'dan ir-reat.

Inghad dan ghalhekk il-qorti filwaqt li ssib l-imputat hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u s-seba akkuza ma ssibux hati tal-ewwel u t-tmienja u minnhom tilliberah. Rat fil-konfront tal-akkuzi li taghhom sabitu hati l-Artikolu 96, 339(d), 339(e), 338(dd), 338(ee), 338(bb), 340 u 17 tal-Kap 9. Hasbet dwar il-piena u filwaqt li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tieghu u partikolarment il-fatt li l-imputat minhabba f'dan l-incident tilef l-impjieg tieghu, hi tal-fehma li ghandha tadotta d-dispositiv tal-Artikolu 9 tal-Kap 152

u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin millum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------